IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA`

* **It-Tlieta 9 ta' Frar 2014 fis-6.00 pm** Data u ħin
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier /Ċerpersin KA Baħrija |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Membru KA Virtù |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru KA Baħrija |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin KA Baħrija |
| Is-Sur George Attard | Membru KA Baħrija |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru KA Baħrija |
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin KA Virtù |
| Is-Sur Chris Farrugia | Membru KA Virtù |
| Is-Sna Louise Aguis | Membru KA Virtù |
| Is-Sra Audrey Sant | Membru KA Virtù |

KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**Din l-laqgħa annwali tal-lokalita` giet imsejħa mill-Kunsill Lokali Ir-Rabat flimkien mal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija u l-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù.**

**Bidu tal-laqgħa:**

Is-Sindku Charles Azzopardi qara r-rapport dwar ħidmet l-Kunsill għas-sena 2015. Dan ir-rapport jinsab mehmuz ma' dawn il-minuti bħala appendiċi A.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat rapport dwar l-estimi annwali għas-sena 2016. Dan ir-rapport jinsab mehmuz ma' dawn il-minut bħala appendiċi B.

Ma kienx hemm suggerimenti jew mistoqsijiet peress li residenti preżenti għal-laqgħa ma kienx hemm.

**Tmiem il-laqgħa:**

Il-laqgħa ntemmet fis-6.25 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ..It-Tlieta.......... ....8.... ta'..Marzu...... 2016

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**

'APPENDIĊI A'

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT (MALTA)

## RAPPORT DWAR ĦIDMET IL-KUNSILL
## GĦAS-SENA 2015

Imħejji

**mis-Sindku, Charles Azzopardi**

**9 ta' Frar 2016**

## Introduzzjoni mis-Sindku

Dan ir-rapport ta' ħidmet il-Kunsill sejjer ikun it-tielet wieħed matul din il-leġislatura. Matul is-sena 2015, il-Kunsill ħadem biex ikompli jwettaq id-doveri tiegħu b'risq il-lokalità b'għaqal waqt li kompla jnaqqas l-iżbilanċ finanzjarju, li kien ilu jakkumula mill-2009.

Ħidma li kienet tirrifletti l-bżonnijiet ta' kuljum tar-residenti waqt li taħdem biex issolvi l-problemi li tiltaqa' magħhom kuljum. dan il-kunsill kellu jagħmel minn żmien għal żmien pjan ta' ħidma biex ikun jista' jopera bl-aħjar u bl-aqwa mod sostenibbli.

Nista' ngħid li ninsab kburi li wettaqna ħafna ħidma li tagħmilna kburin u determinati biex inkomplu ntejbu l-ħajja tar-residenti fil-lokalità u ta' dawk kollha li jżuruha.

Charles Azzopardi
Sindku

## Infrastruttura

Matul is-sena 2015 il-Kunsill ħadem flimkien mal-Kumitati Amministrattivi tal-Virtù u tal-Baħrija. Ħidma oħra saret flimkien mad-Direttorat tal-Infrastruttura tat-Toroq. Flimkien ma' Transport Malta ħdimna mal-Water Sevices Corporation, id-Drainage Section, l-Enemalta u l-entitajiet kollha li b'xi mod jew ieħor jidħlu għall-ħidma infrastrutturali flimkien magħna. Ħdimna qatigħ biex mal-Gvern Ċentrali nwettqu diversi toroq bl-asfaltar. Fost dawn it-toroq li ħdimna fuqhom wieħed jista' jsemmi, Misraħ Suffara, Parti minn Triq Tabia, Triq Għeriexem, Triq Santa Katerina, Triq Ħad-Dingli, parti minn Ħofret ir-Ritz, xogħlijiet fuq il-parti ta' Wied il-Qlejgħa, Raba Nemel, xogħol infrastrutturali kbir fuq id-Dwejra, Wied Rini u bosta oħra.

Saru xogħlijiet oħra fi Triq Old Żebbug Road, Triq l-Iskultura, Triq Għajn Kajjet, Tas-Salib, L-Għemieri, Ta' Koronja u Vjal il-Ħaddiem, waħda mit-toroq arterjali u kbar fir-Rabat. Ħafna mix-xogħlijiet tlestew jew jinsabu fl-aħħar fażijiet tagħhom. Minħabba dan ix-xogħol, wieħed antiċipa, kif fir-realtà ġara, inkonvenjent għal bosta residenti li jgħixu fl-inħawi u dawk li jużaw il-vetturi tagħhom jew it-trasport pubbliku. Kellhom isiru diversi laqgħat ma' Transport Malta, biex dejjem jittaffa' l-inkonvenjent għal kulħadd kif ukoll biex ix-xogħol isir bi pjan serju.

Minħabba li għal diversi xhur it-triq li tagħti mir-Rabat għall-Baħrija ingħalqet, kellu jsir *traffic management*, li jħares t-trasport pubbliku kif ukoll dak privat. B'ħafna tbatija imma b'determinazzjoni ċara dejjem wasalna. Saru xogħlijiet oħra fuq manutenzjoni ta' bankini, bankini li kellhom isiru għall-ewwel darba u oħrajn mill-ġdid. Dejjem skont il-bżonn u l-esiġenzi. Wara li jinħarġu l-permessi neċessarji. Hawn tidħol il-problema tal-burokrazija żejda. Saru xogħlijiet varji fuq bosta nħawi madwar ir-Rabat urban u rurali.

Xogħol fl-ispazji pubbliċi u żoni miftuħa. Fosthom Triq Vincenzo Ciappara, Ġnien Bir l-Iljun, Ġnien Għar Barka, Ġnien Patri Martin Caruana (Misraħ San Duminku) u s-Saqqajja. Żoni miftuħa oħra bħal fi Triq Rudolf Saliba, Triq Sant'Aristarku, Taċ-Ċagħki u ż-żona ta' Għajn Kajjet. Bżonnijiet li saru fejn jidħlu bankini, ippeċċjar ta'

toroq u msieraħ. Sar xogħol fuq diversi blokok fl-area ta' Għajn Kajjet. Blokok li tlestew kompletament u oħrajn li fihom għadu għaddej ix-xogħol, insemmi BLK I, Blk G, Blk E1 u Blk F1. Minn żmien għal żmien il-Kunsill sejjer ikompli jaħdem mal-Awtorità tad-Djar biex isiru xogħlijiet oħra fil-komun ta' diversi blokok. Sar xogħol ta' restawr ta' diversi niċeċ madwar ir-Rabat bl-għajnuna ta' diversi persuni li għandhom għal qalbhom ir-restawr u l-aspett kulturali fir-Rabat.

Xogħlijiet fuq spakxins, spralli u manutenzjoni oħra li hija responsabbilità tal-Kunsill, fosthom ħitan tas-sejjieħ, li jżommu l-ħamrija. Saru bosta sinjali ġodda ta' sinjali awtorizzati minn Transport Malta u sar *refresh* ta' oħrajn eżistenti. Il-Kunsill dejjem żamm f'moħħu l-ġid tar-residenti u tal-komunità kummerċjali.

**Proġett ta' Triq Santa Rita u Misraħ San Katald**

Minn Settembru 2014, beda x-xogħol fuq il-Proġett ambizzjuż, ta' Triq Santa Rita u Pjazza San Katald - Proġett taħt Miżura 313. Il-proġett tlesta fiż-żmien u ħa sal-aħħar ta' Mejju 2015. Xogħol li nvolva ħafna entitajiet fosthom, l-Enemalta, il-Korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma, is-sezzjoni tad-drenaġġ, il-Melita, il-Go plc, Transport Malta, il-Heritage, il-Health Centre u l-bqija. F'din it-triq saru xogħlijiet li ma kinux antiċipati li jsiru minn qabel.

Fost dawn wieħed irid isemmi, in-numru ta 'drainage household connections' (il-meded), li kienu għadhom imqabbdin mal-fossa. Din kienet inaċċettabbli u b'hekk ix-xogħol kellu jsir darba u tajjeb, billi dawn jitqabbdu mas-sistema. Il-monti, kif kien maqbul mal-bejjiegħa, dan tela' lura fi Triq Santa Rita, xahrejn qabel iż-żmien. Bħalissa, mill-proġett għad jonqos li tingħalaq il-parti li għadha mikxufa. Il-parti li l-Heritage Malta u s-Supertendenza tal-Arkeoloġija, talbet biex issir skont id-direttivi tagħha. Fil-ġimgħat li ġejjin, din il-parti sejra ssir wara li jinħareġ u jintagħżel tender, apposta, biex eventwalment dan il-proġett jista' jiġi inawgurat. Proġett li biddel l-infrastruttura tal-inħawi għal waħda mill-isbaħ u li tgħin lill-komunità kummerċjali, lis-settur turistiku u tagħti dehra kif kien jixraq, liċ-ċentru tar-Rabat.

**Indafa ġenerali, qtugħ ta' ħaxix, żbir ta' siġar, installazzjoni u manutenzjoni ta' bozoz**

Komplejna nedukaw lir-residenti fuq iż-żamma tal-indafa. Komplejna bis-servizzi kuntrattwali tagħna fejn jidħol il-ġbir tal-iskart, l-użu tal-iskips, il-ġbir tal-'bulky refuse', il-knis, il-ftuħ tal-latrini pubbliċi, l-installazzjoni ta' bozoz ġodda (dejjem skont il-*budget* tal-Kunsill u l-esiġenzi), manutenzjoni fuq bozoz li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill, kif ukoll fanali. Tlesta, ix-xogħol fuq il-latrina ta' Triq il-Kulleġġ. Latrina li ngħatat dehra ġdida u li issa jixraq li nieħdu ħsiebha. Sar u sejjer, ikompli jsir aktar infurzar fuq min joħroġ l-iskart minn sigħat qabel jew li jagħmel dan quddiem skejjel u postijiet pubbliċi. Sar ħafna xogħol fuq żbir ta' siġar (siġar li jistgħu jinżabru) u qtugħ ta' ħaxix fuq il-parti tal-kampanja. Minn din is-sena l-Kunsill ħareġ 'tender' waħda tal-qtugħ tal-ħaxix. Dan minflok id-diversi 'direct orders' li kienu jingħataw. Hawnhekk Kunsilli preċedenti kienu qegħdin imorru kontra l-provvedimenti tal-liġi. Ridna wkoll b'għaqal inkomplu nnaqsu l-ispejjeż finanzjarji tal-Kunsill.

**Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport**

Komplejna nħarrġu lit-tfal, liż-żgħażagħ u l-adulti fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-kultura, l-informatika u l-isport. Saru korsijiet għat-tfal (ECDL), IKids u korsijiet għall-adulti fil-qasam tal-informatika, LEARNIT mit-TCTC. Diversi korsijiet ta' suġġetti varji, fosthom tal-lingwa. Il-kunsillier Andrew Mallia, ħadem ħafna biex dan seta' jseħħ. Il-kunsill kompla joffri s-servizz ta' trasport lir-Rabat Ajax Football Nursery. Dan biex jinkoraġġixxi aktar tfal Rabtin biex jipprattikaw il-logħba tal-ballun. Hawn nirringrazzja lill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi li huwa responsabbli mill-isport kif ukoll mill-ambjent.

Il-Kunsill taż-żgħażagħ, fi ħdan il-Kunsill lokali tar-Rabat, flimkien mal-aġenzija żgħażagħ rebaħ il-proġett minn fost numru ta' Kunsilli oħra. Permezz ta' dan numru ta' żagħżagħ Rabtin sejrin ikomplu jinvestu fil-librerija lokali tagħna. Dan huwa investiment ieħor li sar matul is-sena 2015. Minn żmien għal żmien mill-fondi allokati apposta l-Kunsill jinvesti aktar flus f'kotba għal-librerija. Il-Kunsill ħareġ il-fuljett tiegħu r-Rabta. Fuljett informattiv fl-oqsma li jwettaq il-kunsill kif ukoll

taghrif kulturali, informazzjoni fuq personaġġi Rabtin, arti u storja.

Matul din is-sena il-Kunsill għen biex seta' jsir in-'Napule'. Attività li saret mill-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini u San Pawl, bl-għajnuna tal-Kunsill. Għalkemm il-Kunsill ma setax jgħin b'mod finanzjarju, aħna konna ta' għajnuna fejn jidħlu servizzi, permessi, ftuħ ta' latrini, tindif qabel u wara u bżonnijiet oħra relatati.

Matul is-sena 2014-2015, l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ 16+ kien Luke Vella, waqt li l-Ambaxxatur il-ġdid għas-sena 2015 huwa Chris Azzopardi. Il-Kunsillier li huwa responsabbli miż-żgħażagħ huwa s-Sur Ian Vassallo. Il-Kunsill japprezza il-ħidma tiegħu.

**Anzjani**

Komplejna naħdmu b'impenn favur l-anzjani fil-lokalità. Dan seta' jsir bil-ħidma tal-Viċi Sindku Doris Coleiro. Ħidma fuq pjan ta' ħarġiet, kull xahar, kif ukoll l-użu taċ-ċentru ta' matul il-jum. Hija ħasra li matul din is-sena l-ħarġiet mhux dejjem setgħu jsiru bħas-soltu minħabba x-xogħol infrastrutturali kbir li sar u għadu jsir madwar ir-Rabat kollu. Il-Kunsill irid ikompli jintegra aktar lill-anzjani fil-komunità. Dan huwa *commitment* li rridu nkomplu nsaħħu. Hawn nirringrazzja lill-kumitat tal-anzjani fi ħdan il-Kunsill li jaħdem u jiddedika ħafna minn ħinu. Hija bil-ħidma tagħhom li d-'Day Centre' jista' jsir biss għax il-kirja tiegħu tista' tkun 'self-sustained'.

**Jum Ir-Rabat**

Jum ir-Rabat ġie ċċelebrat bħal kull sena u sar f'Misraħ Santu Wistin. Il-konkorrenza kienet waħda kbira. Din is-sena b'mod unanimu l-Kunsill qabel li jagħti Ġieħ ir-Rabat, lis-Sur Arthur Vassallo, għall-ħidma volontarja tiegħu għar-restawr ta' niċeċ fir-Rabat, għall-kapaċità kbira fil-qasam tar-restawr tal-arloġġi tal-lira, kif ukoll f'dik tal-induratura. Is-Sur Vassallo huwa rikonoxxut minn ħafna bħala persuna ta' talent artistiku kbir. Ingħataw rikonoxximenti oħra, lill-Familja Vella, għax-xogħol tagħhom fil-qasam tan-newl. Rikonoxximent lir-Rabat Ajax Football Nursery f'għeluq l-40 sena ta' ħidmiethom.

## Konklużjoni

Dan huwa Kunsill li jemmen fih innifsu. Determinat aktar minn qatt qabel li jkompli jaħdem għar-Rabat tagħna. Jinsab ottimist għall-futur u għandu sens ta' pożittività u viżjoni ta' fejn irid jara sejjer ir-Rabat. Il-ħidma kollettiva tagħna, hija waħda determinata biex tkompli tikseb is-suċċessi.

'APPENDIĊI B'

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT (MALTA)

## ESTIMI ANNWALI 2016

Imħejji

**Mis-Segretarju Eżekuttiv**

**Orietta Cardona**

**9 ta' Frar 2016**

**<u>Preżentazzjoni tal-Estimi Annwali għas-sena kalendarja 2016</u>**

Id-dħul totali mistenni għas-sena 2016 hu ta' €1,140,845

In-nefqa mistennija għall-istess sena hi mqassma hekk:

Onorarja tas-Sindku, Ħlas lill-Kunsilliera u Salarji: €157,100
Kuntratti, Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra: €518,117
Nefqa Kapitali: €124,800
Għalhekk qed jiġi stmat li n-nefqa totali għas-sena 2016 tkun ta' €800,017

In-nefqa kapitali hija bbażata fuq xogħlijiet fl-uffiċini tal-Kunsill, xogħlijiet ta' *resurfacing* fi Triq San Bastjan, kif ukoll xogħlijiet ta' *resurfacing* bil-*crete print* fi Sqaq Nru2 Triq Il-Kulleġġ.